MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 58/2014

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**vs**

**Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D u l-P.L. Victor Bugeja li b'digriet tal-10 ta' April 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil assenti Paul Falzon (Karta tal-Identità numru 154364M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat ta' Bank of Valletta p.l.c fit-23 ta' Jannar 2014 fejn illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' kuntratti, wiehed minnhom in atti n-Nutar Dottor Rachelle Farrugia Buhagiar datat 11 t'April 2002 (Dok. "A"), u tlieta ohra in atti Nutar Dottor Nicholas Vella, wiehed minnhom datat 22 ta' Awwissu 2003 (Dok. "B") u t-tnejn l-ohra datati 4 ta' Awwissu 2004 (Dok. "C" u "D") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Paul Falzon.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Paul Falzon fis-somma ta' hames mija u zewgt elef, mija u hamsa u sebghin Ewro u disgha u sittin centezmu (€502,175.69) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' Paul Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E3", Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1 sa G3" u Dok. "H1 sa H66") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-7 ta' Jannar 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Paul Falzon

(a) Naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti,
(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,
(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Paul Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Paul Falzon gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Awwissu 2011 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "I", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu ghalhekk biex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Paul Falzon (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Paul Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

2. Tikkundanna lil Paul Falzon ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' hames mija u zewg elef, mija u hamsa u sebghin Ewro u disghin u sittin centezmu (€502,175.69) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' Paul Falzon mill-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "E1 sa E3", Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1 sa G3" u Dok. "H1 sa H66") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-7 ta' Jannar 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Awwisu 2011 (Dok. "I") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi

pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Yana Micallef Stafrace et noe' li permezz taghha jeccepixxu:

Illi l-kuraturi Deputati ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghaldaqstant qed jippreservaw illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun l-kaz.

Il-Qorti ezaminat id-dokumentazzjoni u provi kollha prodotti, li ebda wahda minnhom ma giet kontradetta. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tqis li t-talbiet tal-bank rikorrenti huma gustifikati u jisthoqqilhom li jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad it-twegiba tal-kuraturi, tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrenti, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Paul Falzon b'dana illi provizorjament id-dirittijiet tal-kuraturi jithallsu mill-Bank rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------